*Legittimu Kontradittur*

*Art 181 B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Exhaustion of Ordinary Remedies*

*Appell lill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni*

Artikolu 25 A (9) u (10) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta)

Regolament 11 (8) tal-*Common Standards and Procedures for Returning Illegally Staying Third Country Nationals* (Legislazzjoni Sussidjarja 217.12)

Direttiva numru 2008/115/EC -The Return Directive

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Frar 2016

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 107/2016/LSO**

**Jamburu Jara (Police number 11F-263), Issa Jaruke (Police number 15A-53), Mama Sangare (Police number 15A-74),**

**Wali Traore (Police number 15A-27), Selia Konate (Police number 11D-65), Mamadou Camara (Police number 14C-77), Segu Diba (Police number 11B-122), Mamadou Traore (Police number 08YY-006), Ibrahim Camara (Police Number 14C-67)**

**vs**

**1. Kummissarju tal-Pulizija Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**2. Ministru tal-Intern**

**3. Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ta' Jamburu Jara (Police number 11F-263) et datat 23 ta' Dicembru 2016 fejn esponew: -

Illi r-rikorrenti kollha ddikjaraw li huma imwielda gewwa l-Mali u peress illi s-sitwazzjoni taghhom f'pajjizhom kienet u ghadha wahda imwergha, huma kienu ddecidew, fi

zminijiet differenti bejn is-snin elfejn u sebgha (2007) u l-eflejn u hmistax (2015), li jemigraw lejn l-Ewropa;

Illi minkejja li ma kenitx l-intenzjoni taghhom li jigu Malta, huma waslu gewwa Malta bejn is-snin elfejn u tmienja (2008) u l-elfejn u hmistax (2015);

Illi immedjament mal-wasla taghhom f'Malta, ir-rikorrenti rispettivament kienu ttiehdu gewwa centri ta' detenzjoni fejn huma kienu gew mizmuma ghal diversi xhur;

Illi fl-istess waqt u immedjatament mal-wasla taghhom f'Malta, kull rikorrent rispettivament inharget kontrih decizjoni ta' ritorn, liema decizjoni setghet tigi appellata biss fi zmien tlett (3) ijiem minn meta din inharget, u liema decizjoni harget qabel ma fil-fatt saru l-applikazzjonijiet minnhom ghar-refugju mal-Kummissarju ghar-refugjati;

Illi sussegwenti ghall-hrug ta' decizjoni ta' ritorn, huma ma inghatawx id-dritt ghall-ghajnuna legali u lanqas setghu ifittxu t-tali ghajnuna ‘l ghaliex huma kienu mizmuma f'detenzjoni. Ghaldaqstant, huma ma setghux effettivament jappellaw id-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront taghhom;

Illi *nonostante* li r-rikorrenti rispettivament kellhom mahruga kontrihom decizjoni ta' ritorn, huma ma gewx ritornati fil-pajjiz tal-origini taghhom u ghaldaqstant ilhom jghixu Malta, ghall-numru sostanzjali ta' snin;

Illi allura matul it-trapass ta' snin huma bnew hajja socjali gewwa Malta u fil-fatt huma anke jahdmu skont permessi mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti u b'hekk ikkontribwew fil-hajja socjo-ekonomika ta' Malta;

Illi ghaldaqstant, illum ir-rikorrenti ghandhom jigu meqjusa bhala individwi integrati fis-socjeta` Maltija;

Illi minkejja dan kollu, matul ix-xahar ta' Novemru tas-sena elfejn u sittax (2016) ir-rikorrenti gew sistematikament u arbitrarjament arrestati mill-Pulizija ta' Malta u gew immedjetament detenuti f'centru ta' detenzjoni gewwa Hal Safi;

Illi huwa ben maghruf minn informazzjoni ufficjali maghmula mill-intimati illi l-iskop ta' din id-detenzjoni saret bl-intiza illi r-rikorrenti jigu deportati lura lejn il-pajjiz tal-origini taghhom u dan bil-forza tad-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront ta' kull rikorrent rispettivament, minkejja l-fatt illi t-tali decizjonijiet ta' ritorn gew mahruga numru sostanzjali ta' snin ilu;

Illi sal-lum, l-arrangamenti sabiex issir id-deportazzjoni tar-rikorrenti ghadhom pendenti u sahansitra anke spekulattivi u dan *stante* dikjarazzjonijiet ufficjali maghmula mill-Gvern Malian;

Illi r-rikorrenti bhalissa huma mizmuma arbitrarjament f'centru ta' detenzjoni u b'hekk qedghin jigu pprevjati mid-dritt taghhom ghal-liberta' u s-sigurta` u dan bi ksur tal-Artikolu hamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-

Drittijiet tal-Bniedem. Aktar minn hekk, huma jinsabu fi stat ta' limbu peress li ma jistghux jikkontestaw id-detenzjoni taghhom quddiem xi Awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Illi matul id-detenzjoni pendenti, ir-rikorrenti affacjaw u ghadhom sal-lum qeghdin jaffacjaw ostakli kontinwi u diffikultajiet sabiex jithallew jikkonsultaw mal-avukat taghhom;

Illi ghaldaqstant, il-hrug immedjat ta' decizjoni ta' ritorn fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti tikser Artikolu wiehed u tletin (31) tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra, ta' liema Malta hija Stat kontraenti;

Illi l-fatt li r-rikorrenti ma setghux effettivament jikkontestaw id-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront taghhom meta din inharget inizjalment u ghadhom sal-lum ma jistghux jikkontestaw din l-ordni, jammonta ghal ksur tal-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi inoltre, id-detenzjoni arbitrarja tar-rikorrenti u l-eventwali deportazjoni taghhom tikser kemm l-Artikolu wiehed (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*stante* illi dan l-istat isarraf fi vjolazzjoni tad-dinjita' tal-bniedem, u kif ukoll tikser l-Artikolu numru tnejn u tletin (32) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu numru tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu sebgha (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea *stante* illi d-detenzjoni u eventwali deportazzjoni taghhom cahhad lir-rikorrenti mir-rispett ghall-hajja privata u tal-familja;

Ghaldaqstant, l-esponertti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha:-

1. Tiddikjara illi d-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront tar-rikorrenti rispettivament tikser Artikolu wiehed u tletin (31) tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra;

2. Tiddikjara illi d-detenzjoni tar-rikorrenti hija abbuziva u tmur kontra d-drittijiet taghhom kif sanciti fl-Artikolu hamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll Artikolu;

3. Tiddikjara illi d-detenzjoni tar-rikorrenti m'hijiex valida *stante* illi hija bbazata fuq decizjoni ta' ritorn abbuziva u illi l-esponeni ma inghatawx rimedju effettiv sabiex jikkontestaw il-validita' tat-tali decizjoni, kif sanciti fl-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

4. Tiddikjara illi l-eventwali diportazzjoni tal-esponenti tkun tammonta ghall-ksur kemm l-Artikolu wiehed (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kif ukoll l-Artikolu numru erbgha u tletin (34) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu numru tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu sebgha (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

5. Taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega u necessarji fil-konfront tal-esponenti sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali taghhom.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta’ Dicembru 2016 fl-10:00am.

Rat ir-risposta tal-Prim Ministru, tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, tal-Ministru tal-Intern u tal-Avukat Generali datata 27 ta’ Dicembru 2016 a fol 8 tal-process fejn esponew:

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi *"bhalissa huma mizmuma arbitrarjament f'centru ta' detenzjoni u b’hekk qeghdin jigu pprevjati mid-dritt taghhom ghal-liberta' u s-sigurta` u dan bi ksur tal-Artikolu hamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Aktar minn hekk, huma jinsabu fi stat ta' limbu peress li ma jistghux jikkontestaw id-detenzjoni taghhom quddiem xi Awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet*

*Fundamentali tal-Unjoni Ewropea".* Ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw ukoll li d-decizjoni ta' ritorn tmur kontra l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmul f' Ginevra kif ukoll li d-detenzjoni u l-eventwali deportazzjoni tar-rikrorenti ser tikser l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tad-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jissottomettu li l-Ministru tal-Intern u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontraditturi *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 51 tal-istess Karta;

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu l-improponibbilita` ta' azzjoni kostituzzjonali msejsa fuq allegat ksur tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f' Ginevra. Illi azzjoni kostituzzjonali tista' ssir biss abbazi ta' allegata vjolazzjoni ta' wiehed mill-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikoli tal-

Konvenzjoni li jinsabu fl-Iskeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi *in linea* preliminari wkoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli u dan peress illi dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet Fundamentali bhal ma huwa l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni li jintroduci l-lista ta' drittijiet u libertajiet fundamentali li dwarhom l-Istati firmatarji jobbligaw ruhhom li jharsu fit-territorju taghhom. Dawn iz-zewg artikoli qatt ma jistghu jigu nvokati.

L-esponenti jirrilevaw illi hija l-Kostituzzjoni stess illi fl-Artikolu 46 fl-ewwel subinciz tieghu jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 32 tal-istess Kostituzzjoni meta tipprovdi s-segwenti:

***"46.*** *(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim Awla tal-Qorti Civili f Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju".*

L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa biss artikolu introduttiv u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali *per se* u dan peress li l-

artikoli protettivi ghad-drittijiet fundamentali huma kontenuti fl-artikoli 33 sa 45 u dan kif jipprovdi l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni;

5. Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali *stante* li qed jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a dispozizzjoni taghhom rimedju ordinarju sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom id-dritt li jipprezentaw rikors quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kemm skont dak li jipprovdu l-Artikolu 25 A (9) u (10) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll skont dak li jipprovdi r-Regolament 11 (8) tal-*Common Standards and Procedures for Returning Illegally Staying Third Country Nationals* (Legislazzjoni Sussidjarja 217.12) sabiex jattakkaw id-detenzjoni taghhom. Illi in kwantu r-rikorrenti qed jilmentaw minn applikazzjoni hazina tad-Direttiva numru 2008/1 15/EC ir-rikorrenti kellhom a dispozizzjoni taghhom azzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha.

L-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u jissottomettu li *in vista* tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha;

6. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-esponenti jissottomettu li ma jissussisti ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-

Konvenzjoni Ewropea. Illi d-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra ruhha perfettament taht il-paragrafu (f) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni, b'dana li tali detenzjoni sehhet *stante* l-proceduri ta' deportazzjoni li qeghdin jittiehdu in konfront tar-rikorrenti.

Illi bhala fatti jirrizulta li hemm in konfront tar-rikorrenti ordni ta' tnehhija (*removal order*) liema ordni nharget skont dak li jipprovdi l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi r-rikorrenti kollha huma *rejected asylum seekers* u dan *stante* li l-applikazzjoni ghall-kisba ta' stat ta' ghazil giet rigettata mill-Kummissarju ghar-Rifugjati u dina d-decizjoni giet konfermata fl-istadju tal-appell. Ghalhekk illum il-gurnata r-rikorrenti kollha, gialadarba li r-rikorrenti ma ottjenew l-ebda stat ta' protezzjoni umanitarja u ma ghandhom l-ebda permess ta' residenza validu, huma kunsidrati bhala persuni projbiti skont dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ordni ta' tnehhija qatt ma giet kontestata u ghadha valida u gialadarba, l-awtoritajiet Maltin u dawk tal-Mali qeghdin prezentement jiffinalizzaw il-hrug tad-dokumenti tar-rikrorenti sabiex jigu deportati, certament li d-detenzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tista' titqies bhala wahda arbitrarja.

L-esponenti jirreferi ghall-awturi stabbiliti f'dan il-kamp **Harris, Boyle & Warbrick** illi jghallmu illi: '*Detention may be justified by Article 5 (1) (f) even though a formal request or an order for extradition has not been issued, provided that enquires have been made, since the enquires amount to 'action' being taken in the sense of that provision.*

*Likewise, detention may be within Article 5 (1) (f) even though deportation or extradition does not in fact occur*'.

Ghalhekk fil-kaz odjern ghandna kaz li jiggustifika d-detenzjoni u l-privazzjoni tal-liberta' tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 5 (1) (f) tal-Konvenzjoni Ewropea bil-konsegwenza li d-detenzjoni tar-rikorrenti hija wahda gustifikabbli u permissibbli u dan peress li d-detenzjoni tar-rikorrenti sar f'kuntest ta' ezekuzzjoni ta' ordni ta' tnehhija li ser twassal ghad-deportazzjoni tar-rikorrenti.

Illi jsegwi ghalhekk li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

7. Illi mhux siewja l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma ma ghandhomx rimedju taht il-ligi domestika sabiex it-talba taghhom sabiex jikkontesaw id-detenzjoni taghhom tigi kkunsidrata minn Awtorita' kompetenti u dan allegatament bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti, ir-rimedju mahsub kemm mill-Kap. 217 tal-Ligijiet kif ukoll dak mahsub mil-legislazzjoni Sussidjarja 217.12 huma rimedju adegwat li jahseb ghalih il-ligi ordinarja. Certament li wiehed lanqas ma jrid jinsa' li din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorità nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv

lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija ghandha s-sahha li taghti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huma jinghataw ragun fl-ilmenti tieghu.

Illi anke jekk ir-rikorrenti ma jaqblux li r-rimedji mahsuba fil-Kap. 217 u l-legislazzjoni sussidjarja 217.12 mhumiex rimedji adegwati, dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma jistghux jaghmlu t-talba taghhom taht xi ligi domestika ohra. Propriju dawn il-proceduri ghandhom il-potenzjal li jaghtu dak li qieghed ifittxu r-rikorrenti u cioe' rimedju.

Illi bl-intavolar ta' dawn il-proceduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qed jirrikonoxxu li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kieux ser joqghodu jehlu l-hin u l-flus taghhom biex jifthu dawn il-proceduri.

Ghalhekk safejn ir-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa manifestament infondat jekk mhux ukoll fieragh ghaliex dawn il-proceduri u din l-Onorabbli Qorti bhala awtorita` nazzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk kemm–il darba jirnexxielhom juru li tassew ġew imkasbra lilhom xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali taghhom kif imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, in kwantu jitratta d-dritt ghal rimedju effettiv, ma jaghmel l-

ebda distinzzjoni dwar it-tip ta' rimedju moghti gialadarba r-rimedju jkun wiehed effettiv.

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

8. Illi in kwantu l-azzjoni odjerna qed tinvoka b'mod dirett l-artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra, l-esponenti jecepixxu li l-Konvenzjoni tal-1951 ma tistax tigi ccitata bhala *corpus legali* u dan *stante* li l-Konvenzjoni taghmel biss stat *vis-à-vis* l-Istati firmatarji taghha u mhux bejn l-Istat u l-individwu, u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw ebda strument legali in konnessjoni mal-pretiza lezjoni tad-drittijiet taghhom ghajr il-ligi tal-Istat li tieghu huma cittadini.

Illi dan il-principju huwa osservat fil-Qrati taghna wkoll. Bizzejjed wiehed jiccita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Awwissu 2001, fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Mohammed Abdel Monem Abbas* (Appell numru 116/2001VDG), fejn il-Qorti osservat dan li gej ghar-rigward ta' Konvenzjoni ohra bejn Stati, cioe' dik dwar l-Estradizzjoni "*… trattat negozjat, iffirmat u ratifikat mill-Ezekuttiv fih innifsu u wahdu m'ghandux il-forza ta' ligi fil-kamp domestiku. Ma tistax qorti domestika tiehu konjizzjoni direttament ta' trattat internazzjonali; qorti domestika, pero', tista' tiehu konjizzjoni ta' trattat internazzjonali in forza ta' ligi domestika"* (bhal fil-kaz tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li tinsab fl-Iskeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

9. Illi in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw li l-eventwali deportazzjoni taghhom tammonta ghal ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ksur tad-Direttiva 2008/115/EC, ksur tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-esponenti jibda biex jirreferi ghall-inapplikabbilita` tal-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni kif eccepit aktar il fuq f'din ir-risposta.

L-esponenti jirrilevaw ukoll li r-rikorrenti ma ndikawx fir-rikors promotur liema dispozizzjoni tad-Direttiva allegatament ser tigi miksura bid-deportazzjoni taghhom. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu li certament li r-rikorrenti huma totalment zbaljati meta jinterpretaw it-thaddim ta' ligi tal-Unjoni Ewropea bhala li necessarjament jikser il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Illi r-rikorrenti trasponew b'mod fidil id-Direttiva u qed jimplimentaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva skont dak li l-istess direttiva tahseb ghalih.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kombinat mal-Artikolu 1 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-esponenti jissottomettu li bhala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall-privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma

twassalx ghal-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-ligi u tkun necessarja f'socjeta' demokratika.

L-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti dejjem gew trattati b'rispett lejn il-hajja privata u familjari taghhom u b'mod dinjituz u li certament li fl-ebda waqt ma gie vjolat id-dritt taghhom protett permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jew mill-Artikolu 1 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fudamentali. Illi certament li l-ezekuzzjoni ta' ordni legittima mahruga skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta qatt ma tista' tigi nterpretata li tikser dawn id-dispozizzjonijiet protettivi u dan *stante* li dawn l-artikoli jahsbu ghall-interferenzi liema interferenzi jkunu skont il-ligi u necessarji f'socjeta` demokratika.

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhux misthoqqa u ghandha tigi michuda.

10. Illi jsegwi ghalhekk li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

12. Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 24 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Jason Grima u Dr Gian Luca Cappitta ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla. Dehret Dr Victoria Buttigieg ghall-intimati, rapprezentati mill-Ispettur Mario Haber u Dr Anthia Zammit ghall-Ministeru tal-

Affarijiet Barranin. Deher l-Interpretu Dr Anthony Licari, li nghata l-gurament.

Il-Qorti ordnat li x-xhieda ta' Chantalle Sciberras tigi nserita fir-rikors kostituzzjonali promotur. Xehdet bil-gurament taghha Francesca Zarb, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Cappitta ghar-rikorrenti rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti rigward it-tielet eccezzjoni. Rifferribbilment ghar-raba' (4) eccezzjoni talab korrezzjoni billi r-referenza ghall-Art 32 tal-Kostituzzjoni tigi mibdula ghal Art 34. Il-Qorti wara li rat l-Art 175 tal-Kap 12 laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tar-raba' (4) talba kif mitluba. Dr Victoria Buttiegieg ghaddiet ruhha b'notifikata bir-rikors kif korrett u inghatat ghaxart (10) ijiem biex twiegeb ghat-talba kif korretta. Dr Buttigieg irtirat r-raba' (4) eccezzjoni. Ir-rikors gie differit ghat-13 ta' Frar 2017 fil-11:30a.m. sabiex jixhed l-Ispettur Mario Haber fuq l-eccezzjonijiet preliminari, u occorrendo eccezzjonjiiet preliminari ohra li jistghu jigu ssollevati fir-risposta fuq isemmija, u sabiex l-intimati jghalqu l-provi fuq l-imsemmija eccezzjonijiet preliminari, u occorrendo ghall-provi tar-rikorrenti fuq l-istess eccezzjonijiet, u ghat-trattazzjoni finali in difett t'ostacolo.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Jason Grima u Dr Gian Luca Cappitta ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla. Dehret Dr Victoria Buttigieg ghall-intimati, rapprezentati mill-Ispettur Mario Haber u Dr Anthia Zammit ghall-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Deher l-Interpretu Dr Anthony Licari, li espleta l-inkarigu tieghu bl-istess gurament. Xehed bil-gurament

tieghu l-Ispettur Mario Haber, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tar-rikorrenti ddikjaraw li m'ghandhomx provi fuq l-eccezzjonijiet preliminari. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Riferibbilment ghar-raba' (4) eccezzjoni, gie verbalizzat li din l-eccezzjoni ghandha tigi trattata flimkien mal-mertu izda l-Qorti hawnhekk tikkoregi l-verbal billi din l-eccezzjoni kienet giet irtirata fis-seduta precedenti. Il-Qorti qieset li t-tieni (2) eccezzjoni ghandha tinstema' wkoll flimkien mal-mertu, u ghalhekk halliet l-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel (1), it-tielet (3) u l-hames (5) eccezzjonijiet ghat-23 ta' Frar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija sentenza *in parte* dwar l-ewwel, it-tielet u l-hames eccezzjonijiet sollevati mill-intimati.

Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti li huma lkoll *failed asylum seekers*, imwieldin il-Mali, talbu li jigi dikjarat li d-decizjoni ghar-ritorn, id-detenzjoni u d-deportazzjoni taghhom huma lesivi tal-artikolu 5, 8 u 13 tal-**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** (‘il quddiem imsejjah 'Il-Konvenzjoni') (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta); tal-artikoli 1, 7 u 47 tal-**Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea** u tad-**Direttiva tal-Unjoni Ewropea numru 2008/115/EC** (*The Return Directive)*. Inoltre qed jallegaw

ksur tal-artikolu 31 tal-**Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra**, u tal-artikolu 34 tal-**Kostituzzjoni ta' Malta.** Ghaldaqstant talbu li jinghataw rimedji effettivi sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali taghhom.

**Illi it-tlett eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Intimati li ser jigu trattati f'din is-sentenza huma:**

**1.** Li l-Ministru tal-Intern u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontradditturi *ai termini* tal-artikolu 181 B Tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** L-improponibbilita' ta' azzjoni kostituzzjonali msejsa fuq allegat ksur tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra.

**3.** Li l-azzjoni odjerna hija abbuziva mill-process kostituzzjonali billi r-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni taghhom senjatament billi jistghu jirrikorru ghall-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni fit-termini **tal-artikolu 25A(9) u (10) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni** (Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta) , kif ukoll skont kif provvdut fir**-Regolament 11(8)** tal-*Common Standards and Procedures Regulating Illegally Staying Third Country Nationals (SL 217.12).*Inoltre in kwantu qed jilmentaw minn applikazzjoni hazina tad-Direttiva numru 2008/115/EC kellhom a disposizzjoni taghhom azzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha.

## Fatti u Provi

Tibda biex tosserva li l-atti huma sprovvisti minn kull taghrif dwar il-process li ghaddew minnu r-rikorrenti individwalment mal-wassla taghhom f'Malta. Ghalkemm l-azzjoni hija wahda kollettiva, jista' jkun li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti mhix identika ghal kull wiehed minnhom. Difatti, jirrizulta mill-ordnijiet tat-Tnehhija esebiti mill-intimati fl-atti tat-talba ghall-hrug ta' *interim measures,*[1] li hemm min mir-rikorrenti li wasal f'Malta fis-sena 2008, filwaqt li ohrajn wasslu f'Malta bil-bahar fis-snin 2011, 2014 u 2015.

Ghalhekk din il-Qorti jkollha tinnota li l-process sallum huwa wisq sajjem minn provi li jixhtu dawl fuq ir-retroxena fattwali ta' kull kaz u din il-Qorti trid timxi unikament fuq dak dikjarat fir-rikors, u fuq ix-xhieda tal-Ispettur Mario Haber li ddokumenta fil-qosor u b'mod generiku dak li jigri mal-wassla ta' immigranti illegali f'Malta u l-process li wassal ghad-detenzjoni recenti taghhom.

Madanakollu l-Qorti tista' tohrog sintesi tas-segwenti fatti.

Illi minn dak prodott, din il-Qorti taghraf li mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti wasslu f'Malta bil-mezzi tal-bahar bejn is-snin 2008 sa 2015 u mal-wassla taghhom inghataw numri ta' identifikazzjoni, kif ukoll Ordni ta' Tnehhija mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni bin-numri ta' riferenza rispettivi murija fuq l-ordnijiet esebiti. Dawn l-ordnijiet kif esebiti huma bil-lingwa Ingliza u hemm taghrif dwar id-dritt ta'

[1] Kopji tal-Ordnijiet tat-Tnehhija li nhargu fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti esebiti bhala Dokti AG1- AG9).

appell lill-Bord tal-Appell fi zmien tlett ijiem. Ir-rikorrenti ittiehdu fid-detenzjoni fejn inzammu ghal numru ta' xhur sakemm gew rilaxxjati. It-talbiet taghhom ghall-azil gew michuda u gie ammess li ma inghatawx *temporary humanitarian protection* (THP).

Sussegwentement il-Kummissarju tal-Pulizija rcieva taghrif tramite l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin sabiex jingabru l-immigranti ta' nazzjonalita` Malijana billi kienet gejja delegazzjoni minn dak il-pajjiz. B'hekk gew "riattivati"[2] l-ordnijiet tat-Tnehhija u gew arrestati u mqeghda f'detenzjoni. Gew identifikati mid-delegazzjoni u kien hemm komunikazzjoni permezz ta' skambju ta' *notes verbal* bejn il-Gvern Malti u dak tal-Mali sabiex jingiebu *identification documents* ghar-ripatrijazzjoni taghhom.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti gew rilaxxjati fuq ordni tal-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ghalkemm inghad li kienu ser jissuktaw l-isforzi biex jigu rrimpatrijati mal-wassla tad-dokumenti taghhom.[3]

Ikkonsidrat li r-rikorrenti essenzjalment qed jimpunjaw id-decizjoni tar-ritorn mahruga fil-konfront taghhom u d-detenzjoni taghhom bl-iskop ta' deportazzjoni. Ikkonsidrat li r-rikorrenti llum gew rilaxxjati mid-detenzjoni izda l-mertu tal-kaz mhuwiex ezawrit billi xorta jibqa' l-interess li jigi dikjarat jekk id-detenzjoni taghhom kienetx wahda legali u inoltre, jibqghu l-lanjanzi li jirrigwardaw id-decizjoni tar-ritorn u l-process ghad-deportazzjoni tar-rikorrenti.

---

[2] Xhieda tal-Ispettur Mario Haber.

[3] *Press Release* mqieghda fuq is-sit tal-Gvern Reference Number: PR170353, mahruga fl-14 ta' Frar 2017.

## Xhieda

**L-Ispettur Mario Haber** xehed[4] li kien ilu 13-il sena stazzjonat fis-settur addett ghall-immigrazzjoni. Xehed li jinhareg *removal order* mal-wassla ta' kull persuna li hija immigranta projbita u b'konsegwenza tieghu jinzammu fid-detenzjoni ghall-massimu ta' 18-il xahar. Huwa afferma li l-ufficjali tal-pulizija jaghtuhom id-dritt u l-access kollu biex japplikaw ghall-azil u malli japplikaw, il-process ta' rimpatrijazzjoni jieqaf u jerga' jiskatta jekk l-applikazzjoni tigi michuda definittivament fl-istadju tal-appell. Il-Pulizija imbaghad jfittxu biex igibu d-dokumentazzjoni mehtiega.

Qal ukoll li anke meta ma hemmx prospett li persuna tinbaghat lura lejn pajjiz, l-ordni tat-tnehhija tibqa *in vigore* dejjem. Madanakollu jistghu jigu mehlusa fuq decizjoni amministrattiva tal-Ministru kkoncernat u jinghataw *temporary humanitarian protection (THPN).* Izda meta hemm prospett li persuna tigi rimpatrijata terga' tigi arrestata .

Huwa spjega li dan ifisser li allavolja l-persuni ikkoncernati ma jkunux mizmuma fid-detenzoni, il-Pulizija jibdew il-kuntatti mal-awtoritajiet ta' pajjizhom *tramite* d-dipartiment tal-Affarijiet Barranin. Fil-kaz tar-rikorrenti gew infurmati li gejja delegazzjoni mill-Mali u kien opportun li jergghu jarrestaw lir-rikorrenti. Gew arrestati xi 25 persuna[5] u mitkellma mid-delegazzjoni. Eventwalment zammew biss ghaxra, li disa' minnhom huma r-rikorrenti filwaqt li l-ohrajn

[4] Seduta tad-19 ta' Frar 2017
[5] L-ispettur ma kienx cert dwar in-numru ezatt.

inhelsu. Qal li s'issa ma ghandhom xejn x'jindika li mhuwiex ser jinhargu d-dokumenti mehtiega ghar-rimpatrijar tar-rikorrenti.

**In kontro-ezami** xehed li r-*removal order* hija mfissra f'diversi lingwi fosthom dik Franciza, kif ukoll bl-Ingliz u bl-Gharbi. Qal li kien cert li r-rikorrenti inghataw l-ordni bil-lingwa Franciza. Ir-*removal order* tinghata mal-wassla taghhom u generalment jinghataw ukoll ktejjeb bid-drittijiet u bl-obbligazzonijiet taghhom fil-lingwa taghhom. Qal ukoll li l-immigranti ma jkunux f'sikkithom wara l-vjagg skabruz. L-ufficjal prezenti jara min jifhem bil-lingwa taghhom u generalment iqabbad lil xi hadd minnhom stess li jista' jikkomunika maghhom meta jkellmuhom. Isibu informazzjoni dwar ghajnuna legali fil-ktejjeb. Qal li mill-ghadha jibdew jappellaw u jsejhu ghall-ghanuna legali jew japplikaw ghall-azil. Fic-centru tad-detenzjoni ikollhom ukoll informazzjoni mill-NGO's.

Qal li ladarba fallew fl-appell taghhom, ir-rikorrenti ma regghux gew arrestati minnufih ghaliex ma kienx hemm prospett li jigu ritornati billi ma kellhomx id-dokumenti taghhom.

Inoltre xehed li meta regghu gew arrestati gew mitkellma individwalment mill-Ispettur Darren Buhagiar. Ma kellhomx avukat prezenti izda fittxew assistenza legali wara. Huwa kien cert li l-Ispettur Buhagiar spjegalhom id-drittijiet taghhom. Mill-arrest sakemm giet id-delegazzjoni mill-Mali qabbdu interpretu ghalihom li kien Dr. Anthony LIcari.

Fil-kaz tar-rikorrenti kien gie infurmat mis-Superintendent Neville Xuereb li kellhom jigbru n-nies kollha tal-Mali billi kienet gejja delegazzjoni minn dak il-pajjiz. Qal li jkollhom il-biza li ma jinstabux u ghalhekk gew mqieghda fil-kustodja.

Qal li sussegwentement intalbu ritratti u informazzjoni ohra li ntbaghtu l-Mali. Qal ukoll li kellhom kazijiet fejn persuni gew rimpatrijati fuq ordni tat-tnehhija wara li jkunu gew identifikati anke wara li jkunu ghamlu 18-il xahar fid-detenzjoni u gew rilaxxjati. Ma tinhargix ordni ta' tnehhija mill-gdid.

Rigward il-procedura kif giet ammendata qal li ma kienx hemm *return decision* fiz-zmien meta dahhlu r-rikorrenti imma l-ordni tat-tnehhija biss. Ghalkemm il-ligi inbiddlet ibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-istess ragunijiet abbazi ta' liema kien inhareg ir-*removal order. "Jekk naghti removal order gdid u ..decision gdid irrid nohroghom bir-ragunijiet tal-lum. Issa jien ghar-ragunijiet ta' dak iz-zmien hrigthom....Jekk gew dikjarati li huma immigranti projbiti ghal ragunijiet li dahlu Malta b'mod illegali ma jfissirx li issa ghax ilhom tmien snin ma baqghux illegali."*

**L-Ewwel Eccezzjoni**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni, l-**Artikolu 181B** tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili **(Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta)** jagħmilha ċara li l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja

in kwistjoni. Dan l-artiklu ma jaghmel l l-ebda distinzjoni dwar l-għamla ta' proċedura ġudizzjarja li għaliha kien jirreferi u ghalhekk japplika ugwalment ghall-kwestjoni tar-rappreżentanza tal-Gvern f'kawżi ta' indoli kostituzzjonali jew konvenzjonali .

Skont **is-subinciz (2)** tal-istess artikolu l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Illi fi studju analitiku li sar dwar il-proċedura "kostituzzjonali", b'riferenza għall-portata tal-artikolu 181B, inkiteb li: "*It is difficult to think of any claim which cannot be directed against a department and it in fact appears that this amendment was inspired by the question of the representation of the Courts, or specifically Judges and Magistrates and those who somehow or other are given the faculty of judging. No other 'prohibition' of this type seems to exist. In any case, the Prime Minister is always a legitimate defendant in actions against the government*".[6]

Difatti fis-sentenza tal-Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-16 ta' Mejju, 2008, fl-ismijiet **Paul Fenech et v Kummissarju tal-Artijiet et,** fejn fiha saret referenza ghal sentenza ohra tal-31 ta' Mejju, 2006, fl-ismijiet **Simon Caruana vs Onor. Prim Ministru,** l-Qorti ezaminat bir-reqqa d-disposizzjoni tal-ligi partikolari meta nghad: *IIIi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser Ii I-Iegislatur ried Ii f'kull kaz Ii fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-*

[6] **Gius. Mifsud Bonniċi** *Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms* (2004) paġ. 64

*rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern."*

Illi l-principji li jirregolaw il-legittimazzjoni passiva f'kawza kostituzzjonali huma ormai assodati. Fil-kaz fl-ismijiet **Joseph Abela v. Onor. Prim'Ministru et**[7] gie ritenut li:

*"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

Illi jekk wiehed ihares lejn it-talbiet kif maghmula, wiehed isib li mhijiex xi disposizzjoni legali li qed tigi attakkata, imma d-decizjonijet tar-ritorn mahruga kontra r-rikorrenti u z-zamma fid-detenzjoni taghhom ghall-eventwali deportazzjoni. Dawn jaqghu fl-ambitu ta' kontroll u awtorita' tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

[7] Kost. 7 ta' Diċembru 1990.

Ghaldaqstant fir-rigward tal-Avukat Generali, ma hemmx dubju li ma kellux ghalfejn jigi citat ladarba li l-ligi tispecifika li ghandu jigi citat il-Kap tad-Dipartiment koncernat.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-Ministru tal-Intern, l-istess kwistjoni tqajmet fil-kaz fl-ismijiet **Abdul Hakim Hassan Adulle et v Ministru tal-Gustizzja et.**[8] li kien jirrigwarda nuqqasijiet gravi fl-ipprocessar ta' rifugjati mis-Somalia. Il-Qorti osservat li "*huwa minnu li d-dekasteru tal-pulizija jaqa' fil-mansjonijiet tal-Ministru tal-Intern u li dan huwa responsabbli għall-Immigrazzjoni u għall-asil u għandu rwol importanti fil-proċedura għar-rikonoxximent ta' individwi li jfittxu l-asil u setgħat u dmirijiet oħra konsegwenzjali, iżda minkejja dan, il-liġi trid li fl-azzjoni relevanti l-Gvern għandu jkun rappreżentat minn ħadd iżjed ħlief mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni, u fl-azzjoni odjerna dan huwa l-Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni*. "

Illi l-istess ragunament japplika ghall-kaz odjern.

Fid-dawl ta' dan premess ma hemmx dubbju li anke fil-kaz tal-Ministru tal-Intern m'ghandux ghalfejn ikun ccitat billi jwiegeb il-kap tad-Dipartiment ikkoncernat li f'dan il-kaz huwa l-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

[8] QK - dec.fit 28 ta' Gunju 2013.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija fondata u ser tigi milqugha u konsegwentement il-Ministru tal-Intern u l-Avukat Generali qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**It-Tielet Eccezzjoni**

**Illi l-intimati eccipew l-improponibilita' ta' azzjoni kostituzzjonali imsejsa fuq allegat ksur tal-Konvenzjoni tal-1951 ta' Ginevra dwar l-istatus ta' Rifugjati.**

Illi r-rikorrenti irrimettew ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-Qorti rigwardanti din l-eccezzjoni.[9]

Indubjament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, fis-Sede Kostituzzjonali taghha, temani **mill-artikoli 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 4(1) u (2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.** Din hija gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna li qed tfittex protezzjoni minn, u rimedju ghal, xi lezjoni, attwali jew potenzjali, tal-libertajiet u tad-drittijiet fondamentali mfissra fid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni, jew ta' xi dritt protett permezz tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li jifforma parti mil-ligi ordinarja tal-pajjiz b'effett tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta. *A contrario sensu,* xi aggravju iehor, anke fir-rigward ta' xi dispozizzjoni ohra fil-kostituzzjoni, jaqa' fil-gurisdizzjoni ordinarja tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

[9] Verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2017.

Illi r-rikorrenti jiccitaw il-Konvenzjoni ta' Ginevra tal-1951 dwar ir-Rifugjati. Malta hija firmatarja ta' din il-Konvenzjoni u r-riserva li kellha Malta rigward l-artikolu 31 iccitat mir-rikorrenti giet irtirata fis-17 ta' Jannar 2002 mill-Gvern Malti.[10]

**L-Artiklu 31** jghid: "1. *The Contracting States shall not impose penalties, on account of their illegal entry or presence, on refugees who, coming directly from a territory where their life or freedom was threatened in the sense of article 1, enter or are present in their territory without authorization, provided they present themselves without delay to the authorities and show good cause for their illegal entry or presence.*

*2. The Contracting States shall not apply to the movements of such refugees restrictions other than those which are necessary and such restrictions shall only be applied until their status in the country is regularized or they obtain admission into another country. The Contracting States*

[10] Huwa rappurtat fuq is-sit tal-Konvenzjoni li: "27. The instrument of accession deposited by the Government of Malta was accompanied by the following reservation:
"Article 7, paragraph 2, articles 14, 23, 27 and 28 shall not apply to Malta, and article 7, paragraphs 3, 4 and 5, articles 8, 9, 11, 17, 18, 31, 32 and 34 shall apply to Malta compatibly with its own special problems, its peculiar position and characteristics."
On 17 January 2002, the Secretary-General received the following communication from the Government of Malta:
"The Government of Malta.....hereby withdraws the reservations relating to article 7 (2), Articles 14, 27, 28, 7 (3) (4), (5), 8, 9, 17, 18, 31 and 32; ... and confirms that: "Article 23 shall not apply to Malta, and articles 11, and 34 shall apply to Malta compatibly and with its own special problems, its peculiar position and characteristics." Further, on 24 February 2004, the Secretary-General received from the Government of Malta, the following communication:
[The Government of Malta] "declare that the Government of Malta, having reviewed the remaining reservations and declaration, hereby withdraws the reservations relating to Article 23, and the reservations in respect of Articles 11 and 34 wherein these applied to Malta compatibly with its own special problems, its peculiar positions and characteristics."

*shall allow such refugees a reasonable period and all the necessary facilities to obtain admission into another country."*

Indubbjament din il-Konvenzjoni tifforma parti integrali mill-qafas ta' ligijiet umanitarji internazzjonali ('*International humanitarian law' jew IHL).* Madanakollu l-intimati ghandhom ragun fl-eccezzjoni taghhom. Ghalkemm Malta hija firmatarja u ghaldaqstant hija marbuta bl-obbligazzjonijiet internazzjonali taghha, l-gurisdizzjoni specjali konferita fuq din il-Qorti hija specjali u cirkosritta bl-applikazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fuq imsemmija.

Izda kif gie ribadit mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Soering v United Kingdom**[11]:

*"87. In interpreting the Convention regard must be had to its special character as a treaty for the collective enforcement of human rights and fundamental freedoms (see the Ireland v. the United Kingdom judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 90, § 239). Thus, the object and purpose of the Convention as an instrument for the protection of individual human beings require that its provisions be interpreted and applied so as to make its safeguards practical and effective (see, inter alia, the Artico judgment of 13 May 1980, Series A no. 37, p. 16, § 33). In addition, any interpretation of the rights and freedoms guaranteed has to be consistent with "the general spirit of the Convention, an instrument designed to maintain and*

[11] ECtHE - 7 ta' Lulju 1989 (*Application no. 14038/88)*

*promote the ideals and values of a democratic society" (see the Kjeldsen, Busk Madsen and Pedersen judgment of 7 December 1976, Series A no. 23, p. 27, § 53).* "

Dan kien kaz ta' estradizzjoni mhux deportazzjoni, izda l-Qorti Ewropea semmiet l-obbligazzjonijiet internazzjonali tal-Istati membri tal-Konvenzjoni fis-sens li dawn il-konsiderazzjonijiet ma jehilsux l-istati mill-obbligazzjonijiet taghhom skont il-Konvenzjoni Ewropea. (Ara wkoll **Hassan v the United Kingdom** fuq din it-tematika).[12]

Fid-dawl tal-premess, huwa car li l-kompetenza ta' din il-Qorti hija wahda eccezzjonali u mahsuba ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati li japplikaw minkejja l-obbligazzjonijiet internazzjonali tal-istat Malti. Madanakollu jista' ikun il-kaz li fl-interpretazzjoni awtorevoli tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni li wiehed isib ukoll riferenza ghall-fini ta' konsistenza, mill-Qorti Ewropea ghad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ginevra. Dan, izda ma jbiddilx il-fatt li dak li jkun qed jigi applikat direttament huwa l-artikolu appositu fil-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstat din l-eccezzjoni hija gustifikata u ser tigi milqugha.

[12] GC -16 ta' Settembru 2014 *(Application no. 29750/09)*

**Il-Hames Eccezzjoni.**

Din l-eccezzjoni qed tigi sollevata *ai termini* **tal-proviso ghall-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319.**

Il-proviso ghall-**artikolu 46(2)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid eżattament hekk:

"*Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra*" (l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 jgħidu l-istess ħaġa).

Illi fit-trattazzjoni gie sottomess mill-abbi difensur tal-intimati li r-rkorrenti ghandhom rimedju konsistenti f' dritt ta' appell lill-Bord tal-Appell dwar l-Immgrazzjoni sabiex jimpunjaw id-detenzjoni taghhom bhala wahda arbitrarja. Dan id-dritt mhuwiex marbut ma' terminu ta' tlett ijiem tax-xoghol (art 25A(7) tal-Kap 217).

Illi l-abbli difensuri tar-rikorrenti issottomettew li r-rikors odjern mhuwiex biss indirizzat ghall-otteniment ta' rimedju konsistenti f'helsien mid-detenzjoni taghhom li huwa provvdut fl-artikolu 25A(9) u (10) tal-Kap 217. Ir-rikors odjern qed jitlob rimedju ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali hemm dedotti, u l-Bord ma jistax jindirizza dawn il-lanjanzi imma biss kwistjonijiet ta' ligi ordinarja.

Illi jigi premess li huwa assodat li l-legislatur ma riedx li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli skont il-ligi ordinarja, fejn dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jkunu effettivi u accessibbli.

Il-principji fir-rigward gew riaffermati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet "***Ryan Briffa v Avukat Generali"*** deciz fl-14 ta' Marzu 2014 :

*"1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li r-rimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;*

*4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna*

*ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*

*5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;*

*6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali.*[13]"

Ikkonsidrat li jinkombi fuq l-eccipjent li jipprova l-ezistenza ta' rimedji effettivi u accessibbli. Fil-kaz odjern l-Avukat Generali identifika r-rimedju ta' appell lill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni fit-termini tal-artikolu 25A(9) u (10) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta) u tar-Regolament 11 (8) tal-Istandards u Proceduri komuni ghar-ritorn ta' Cittadini ta' Pajjizi li jkunu qeghdin fil-Pajjiz Illegalment (L.S. 217.12).

Illi **l-Artikolu 25A tal-Kap. 217**, filwaqt li jipprovdi ghall-possibilita` ta' appell fi zmien tlett ijiem utili quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jaghti wkoll id-dritt lill-appellant, bhala persuna "arrestata jew taht detenzjoni"

[13]Ara fost ohrajn sentenzi tal-On.Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet "***Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine***" 7/3/1994; tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "***Olena Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***"; "***Vincent Spiteri v. Onor Prim Ministru et,***" 31/8/1977; "***Mouwafak Toutoungi et. v Kummissarju tal-Pulizija et.***" 25/11/2011; u "***Stacey Spiteri et. v Direttur tar-Reġistru Pubbliku***" 27/4/2012, u sentenzi oħra hemm ċitati.

jitlob anke verbalment li jinghata l-liberta` provvizorja. Barra minn hekk is-sub-inciz (9) tal-istess Artikolu jaghti gurisdizzjoni lill-istess Bord li jiddeciedi applikazzjonijiet *"... ... li jsiru minn persuni li jkunu qeghdin jinzammu sabiex jigu mehlusin mill-kustodja sakemm tigi deciza applikazzjoni taht l-Att dwar ir-Refugjat jew xort'ohra sakemm jigu deportati... ...".*

**L-artikolu 25A (9) u (10) tal-Kap 217** jiddisponi:

*(9) Il-Bord ikollu wkoll ġurisdizzjoni jisma' u jiddeċiedi applikazzjonijiet li jsiru minn persuni li jkunu qegħdin jinżammu f'kustodja bis-saħħa biss ta' ordni ta' deportazzjoni jew ta' deċiżjoni ta' ritorn u ordni ta' tneħħija sabiex jiġu meħlusin mill-kustodja sakemm tiġi deċiża applikazzjoni taħt l-Att dwar ir-Rifuġjati jew xort'oħra sakemm jiġu deportati skont dawn is-subartikoli ta' dan l-artikoli li ġejjin.*

*(10) Il-Bord għandu jagħti biss ħelsien mill-kustodja meta d-detenzjoni ta' persuna, wara li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma tkunx meħtieġa jew ma tibqax meħtieġa għar-raġunijiet elenkati taħt dan l-Att jew leġislazzjoni sussidjarja taħt dan l-Att jew taħt l-Att dwar ir-Rifuġjati, jew meta, f'każ ta' persuna li qed tinżamm taħt detenzjoni bil-ħsieb li tiġi ritornata, ma jkun hemm ebda prospett raġonevoli li tkun ser isseħħ deportazzjoni fi żmien raġonevoli.*

Illi fis-sena 2015 permezz tal-Att XXXVI ta' dik is-sena, gie inkorporat fil-Kap 217 il-kuncett ta' decizjoni ta' ritorn bhala

dokument mahrug mill-Ufficjal Prinipcali tal-Immigrazzjoni. Skont id-definizzjoni:

*"**deċiżjoni ta' ritorn"** tfisser deċiżjoni maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li tgħid u tiddikjara illi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed fil-pajjiż b'mod illegali u timponi jew tiddikjara l-obbligu biex jirritorna;*

Inoltre giet emmendata id-definizzjoni ta' **ordni ta' tnehhija** li tfisser "*ordni li tinforza d-deċiżjoni ta' ritorn jew ordni magħmula fir-rigward tar-restrizzjoni tal-moviment liberu ta' Ċittadin tal-Unjoni Ewropea u membri tal-familja tiegħu kif provdut fl-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom*;"[14]

Ukoll **skont l-artikolu 14 tal-Kap 217:**

***14.*** *(1) Jekk xi persuna titqies mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li tista' tiġi ritornata bħala immigrant projbit taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, dak l-Uffiċjal jista' joħroġ deċiżjoni ta' ritorn kontra dik il-persuna li jkollha dritt tappella kontra dik id-deċiżjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25A.*

*(2) Jekk mad-deċiżjoni ta' ritorn hemm ukoll ordni ta' tneħħija, dik il-persuna li kontriha ssir dik l-ordni, tista' tinżamm taħt kustodja sakemm titneħħa minn Malta;*

Ir-regolamenti imsemmija (jittrasponu id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta'

[14] Att XXXVI.2105.2

Diċembru 2008 dwar *standards* u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (*the Return Directive).*

**Ir-Regolament 11(8) tal-SL 217.12** jiddisponi:

*"(8) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 25A tal-Att, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz suġġett għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (6), għandu jkollu d-detenzjoni tiegħu riveduta kemm b'applikazzjoni jew mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ex officio, f'intervalli ta' żmien raġonevoli, li f'kull każ, ma jaqbiżx tliet xhur. Fil-każ ta' perjodu ta' detenżjoni ta' sitt xhur jew aktar, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jeżegwixxi dik ir-reviżjoni u għandu javża lill-Bord li jista' jissorvelja u, fejn meħtieġ, jara mill-ġdid dik ir-reviżjoni"*

Illi minn qari tad-disposizzjonijiet iccitati mill-intimati jirrizulta minnufih li dawn l-emmendi huma intizi biex joffru rimedju effettiv ghar-revizjoni tal-legalita' ta' detenzjoni mahsuba ghad-deportazzjoni ta' dak li jkun u dana kif mahsub fl-**artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Illi izda, kif gja gie ravvizat, ir-rikorrenti gew mehlusa mid-detenzjoni fuq ordni amministrattiva fil-mori ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk m'ghadx hemm lok ghar-rimedju mahsub bl-artikoli imsemmija pendenti detenzjoni billi d-detenzjoni giet itterminata.

Ikkonsidrat li l-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-

uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" ghaliex kieku kien hekk il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi u inkomprensibbli.[15].

Illi minn ezami akkurata tat-talbiet tar-rikorrent, jirrizulta li l-kawza odjerna hija wahda komplessa, li tinkorpora kwistjonijiet kemm ta' ligi ordinarja (ad ezempju, jekk l-emmendi introdotti bl-Att XXXVI tal-2015 li jimponu l-htiega ta' decizjoni ta' ritorn u decizjoni ta' tnehhija ghandhomx japplikaw ghall-kaz in ezami, minkejja li r-rikorrenti wasslu f'Malta illegalment qabel id-dhul fis-sehh ta' dawn l-emmendi), flimkien ma' kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali.

Illi l-Qorti tifhem li wiehed mil-lanjanzi principali tar-rikorrenti jikkonsisti fil-fatt li huma regghu ngabru taht l-istess ordni tat-Tnehhija li kienet giet mahruga mal-wassla taghhom indipendentement mill-konsiderazzjoni tal-fatturi tat-trapass ta' numru ta' snin u tat-tibdil fic-cirkostanzi tar-rikorrenti. Ma inghatat l-ebda konsiderazzjoni ghall-fatt li hafna minnhom setghu gew integrati fil-hajja ta' pajjizna. Inoltre ressqu lanjanzi rigward il-proceduri dwar l-gharfien tad-drittijiet moghtija lir-rikorrenti f'kull stadju, l-access ghall-ghajnuna legali, u l-accessibilita' ghar-rimedji effettivi . Marbut ma' dawn il-konsiderazzjonijiet issollevaw ilment a tenur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea aparti d-drittijiet ccitati mill-Karta tal-Unjoni Ewropea.

---

[15] Ara Qorti Kost. Adel Mokhtar Al Sakallli v. Onor. Prim Ministru et, 7/4/2000; Tedd Rapa v. Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar et, 31/5/2000; Angelo Xuereb et v. Id-Direttur tax-Xoghlijiet et, 27/3/2009

Illi certament dawn il-konsiderazzjonijiet mhumiex tal-kompetenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, u fil-verita' lanqas qed jigi suggerit mill-intimati li l-Bord jista' jindirizza dawn l-ilmenti. Kif gie trattat, ir-rimedji identifikati mill-intimati jikkoncernaw il-legalita' tad-detenzjoni - stat ta' fatt li, fil-kaz tar-rikorrenti, issa ntemm.

Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "***Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"*** (deċiża fit-8 ta' Marzu 1995 u iccitata mir-rikorrent) qalet hekk:

"*Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni." F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma komplessa jiżdied il-kliem "jew inkella imħallta".*

Dan il-hsieb gie rifless minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fis-Sede Kostituzzjonali taghha, fis-sentenza deciza fid-29 ta' Ottubru 1993 fl-ismijiet "**Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija *et*"** sabet hekk: "*Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu*

*sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-ezercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lill-Qorti Civili Prim' Awla".*

Illi l-Qorti Kostituzzonali fil-kaz **Mouwafak Toutoungi u Tariq Razee Hidayathullah, Haroun Ali u Mouhanad Toutoungi u Elkatwy Houssein Ahmed Hussein, Ashraf Abde Azzedine v Kummissarju tal-Pulizija u Chairman Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Izvilupp** (deciz fil-25 ta' Novembru 2011) rriteniet :

*"F'dan il-kaz jirrizulta li bil-fatt li l-ewwel Qorti ddeklinat milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ser tirrizulta f'sitwazzjoni li parti mil-lanjanzi kostituzzjonali tar-rikorrenti ma hux ser jigu indirizzati ghalkemm ma jirrizultax li hemm jew kien hemm xi rimedju ordinarju li seta' jindirizzahom. Din, fil-fehma tal-Qorti, hi raguni serja ta' gustizzja li f'dan il-kaz jiggustifika l-intervent tal-Qorti li ghalhekk ser tirrevoka s-sentenza appellata u sabiex tikkonserva favur il-partijiet il-beneficcju tad-doppio ezami ser tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kaz fil-mertu."*

Illi gjaladarba din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell taht l-artiklu 25A tal-Kap 217 u r-rimedju taht ir-Regolament ccitat ma japplikawx ghall-kaz odjern, mhuwiex il-kaz li tidhol fil-hsieb espress awtorevolment mill-Qorti Ewropea dwar il-fatt li l-Bord ma joffrix rimedju effikaci u adegwat minhabba l-fattur

tad-dewmien fil-proceduri. Fil-verita' tressqu provi biex ixejnu dawn il-pronunzjamenti.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz ta' **Aden Ahmed v Malta**[16] fejn il-Qorti sabet, b'riferenza ghar-rimedju lill-Bord fil-kuntest tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni li:

*" 1. In this connection the Court notes that it has already held that proceedings before the IAB under Article 25A of the Act could not be considered to determine requests speedily as required by Article 5 § 4 of the Convention (see Louled Massoud, cited above, § 44). The Government submitted no new examples capable of altering that conclusion."*[17]

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess din il-Qorti ser tichad il-hames eccezzjoni tal-intimati u ser taghzel li tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimati, tichad il-hames eccezzjoni tal-istess intimati, tillibera lill-Ministru tal-Intern u lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, u taghzel li tezercita

[16] Deciz fit-23 ta' Lulju 2013 *(Application no. 55352/12)*

[17] Jigi nnotat li l-emmendi introdotti bl-Att XXXVI tal-2015 wessghu il-kompetenza tal-Bord tal-Appell.

is-setgħat tagħha u tisma' l-kawża billi ma ssibx li r-rikorrenti ghandhom jew kellhom rimedju iehor xieraq disponibbli ghalihom ghall-ksur ta' jeddijiet li jgħidu li qed igarrbu.

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-gbir tal-provi u trattazzjoni fil-mertu.

**L-ispejjez jithallsu mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**23 ta' Frar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Frar 2017**